**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU GĦAS-SIGURTA' NAZZJONALI U L-INTERN.**

Sur President

Ġejna quddiem il-Parlament biex nagħtu rendikont lill-poplu u lil dan il-Parlament ta' bidla li seħħet fil-Kummissarju tal-Pulizija fl-aħħar jiem. Nispeċifika li ma ġejtx qabel minħabba li kelli impenji bħala Ministru barra minn Malta, fejn fuq stedina tal-Ministru tad-Difiża Taljan Roberta Pinotti ġejt mistieden nindirizza seminar, u dan anke kif ġie rrapurtat fuq il-media dwar is-sigurtà Marittima fil-Mediterran.

Dan il-Gvern hu determinat li jirriforma l-Korp tal-Pulizija billi joħorġu mit-telqa li sibnieh fiha. Għalkemm sa issa sar progress inħossu li din ir-riforma għandha issir b'pass aktar mgħaġġel però bil-għaqal u bi ħsieb.

Dan hu d-dmir tiegħi lejn il-poplu sabiex nassigura li dan u kull dipartiment li jaqa' taħt il-Ministeru tiegħi jaqdi b'mod effiċjenti lil-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Nibda biex nirringrazzja lis-Sur Peter Paul Zammit tas-servizz li ta bħala Kummissarju tal-Pulizija u nawguralu għall-kariga l-ġdida li hija waħda importanti ukoll sabiex pajjiżna ikun dejjem lest biex jospita l-avvenimenti nazzjonali u internazzjonali biex ikollna l-aħjar livell ta' sigurtà fil-pajjiż u anke l-aħjar livell ta' sigurtà għad-delegazzjonijiet li jżuruna.

Nawgura wkoll lis-Sur Ray Zammit li ġie maħtur Agent Kummissarju fil-ħidma tiegħu biex jitkompla l-pjan ta' ristrutturar f'dan il-Korp ħalli jintlaħqu il-miri ta' din ir-riforma.

Il-bidliet fil-Korp tal-Pulizija la jsiru mil-lum għall-għada, u lanqas jistgħu jsiru b'bidla fuq persuna waħidha. B'hekk wara 16-il xahar nistgħu nħarsu bil-benefiċċju tal-esperjenza u nirranġaw fejn seta' mar ħażin u nkomplu nsaħħu fejn bdejna mexjin b'bidliet importanti ħafna għall-Korp tal-Pulizija.

Il-Gvern mhux supperv u l-abjad jgħidlu abjad, u l-iswed jgħidlu iswed. Mhux hekk biss iżda dan il-Gvern imur pass oltre, fejn hu iswed, sew għax sibnieh hekk jew le, aħna nkunu dejjem lesti li nitkellmu dwaru u naffaċċjaw il-problema sabiex inkunu nistgħu naġixxu dwarha u nsibu soluzzjonijiet. Din hija politika ta' Gvern modern. Ma nlumx lill-Oppożizzjoni li tħossha diżorjentata b'dan l-istil ta' politika pożittiva li tassigura li tmexxi, mhux titmexxa u taġixxi mhux tiċċassa quddiem l-isfidi ta' pajjiżna.

B'hekk illum se nagħti l-viżjoni 'l quddiem ta' dan il-Gvern fir-rigward tal-Korp tal-Pulizija.

L-ewwel nett – għaliex Aġent Kummissarju tal-Pulizija? Diġà ħabbarna li qed inħarsu lejn dan iċ-ċaqliq bħala opportunità biex inkomplu nagħmlu

riorganizzazzjoni serja u fit-tul tal-Korp tal-Pulizija. L-Aġent Kummissarju tal-Pulizija se jkollu bħala parti mill-ħidma ewlenija tiegħu l-ippjanar u l-identifikar ta' prijoritajiet għal tmexxija aħjar tal-Korp. Il-Gvern jemmen illi wasal iż-żmien li uffiċjali Għolja tal-Korp meta jingħataw promozzjoni jkollhom kuntratt definit ta' tliet snin sabiex wieħed jassigura jekk dik il-persuna tkunx idonea għall-kariga. B'dan l-istess mod wieħed ikollu kull opportunità illi jagħti prova tal-kapaċitajiet tiegħu għall-kariga ġdida.

Il-Kariga ta' Agent Kummissarju ser tgħin lill-Gvern biex qabel jagħmel u jagħti din il-kariga b'mod definittiv, ikollu quddiemu ċar pjan ta' azzjoni biex il-Korp tal-Pulizija jiġi fil-livelli li nixtiquh. Fuq dan il-pjan, inkunu nistgħu nieħdu deċiżjonijiet fit-tul u li jagħtu aktar stabbilita lill-Korp tal-Pulizija.

Biex din ir-riforma titwettaq bl-aktar mod serju u organizzat, li twassal għal riżultati, il-Gvern se jkun qed juża r-riżorsi kollha possibbli. Se nkunu qed nużaw l-esperjenza ta' nies oħra f'dan il-proċess biex naraw l-implimentazzjoni effettiva ta' bidliet li nixtiequ naraw fil-Korp tal-Pulizija.

Hu fatt li Kummissarju tal-Pulizija irid jaffaċċja diversi diffikultajiet f'diversi oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' loġistika, finanzi, amministrazzjoni, etcetra u fl-istess ħin hu responsabbli mill-investigazzjonijiet kriminali u tmexxija general tal-Korp. Fuq dan l-aspett diġà bdejna nirristrutturaw il-Korp billi introduċejna l-kunċett ta' Deputati Kummissarji biex ix-xogħol tal-Korp ikun wieħed aktar iffukat. Hu f'dan il-kuntest illi aktar qabel f'din l-istqarrija għedt illi x-xogħol tal-Korp tal-Pulizija mhuwiex ta' persuna waħedha iżda *teamwork* ibbażat fuq struttura ta' *management* illi jirrispekja l-bżonn imminenti ta' tali struttura li hu d-daqs ta' kumpanija li tħaddem elfejn ruħ. Hu għalhekk li apparti r-ranks ta' Assistenti Kummissarji li diġà appuntajna, biex ikollna Korp modernizzat jonqosna nagħmlu *middle management* b'saħħtu, jiġifieri l-faxxa tas-supretendenti u żieda fin-numru ta' Spetturi attwali.

Nemmen li wasal iż-żmien li nħarsu b'mod differenti, pereżempju, lejn il-mod amministrattiv kif jitmexxa l-Korp. Nara sitwazzjoni fejn l-irwol amministrattiv u finanzjarju tal-Korp tal-Pulizija jkollhom struttura differenti milli kienet sal-lum taħt kariga li jkollha l-kunċett pereżempju ta' Kap Eżekuttiv li jkun jirrispondi lill-Kummissarju tal-Pulizija. Forma ta' Kap Eżekuttiv li xogħlu jkun iffukat fuq it-tmexxija tal-Korp ta' kuljum, fuq il-finanzi tal-Korp u fuq bidliet amministrattivi li għandhom iseħħu.

Nemmen ukoll li l-Korp tal-Pulizija għandu jħares b'mod iktar iffukat lejn il-mod kif jikkomunika l-ħidma tiegħu. Għal dan il-għan inħoss li għandu jkun hemm *media relations office* li jkollu iktar riżorsi u jaħdem aktar b'mod pro-attiv mal-ġurnalisti u biex jinforma u jeduka lill-pubbliku, anke jekk hemm bżonn permezz ta riklamar fit-televiżjoni.

B'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu aktar ħin li jikkonċentra fuq ix-xogħol ta' tmexxija tal-Korp fejn jidħlu investigazzjonijiet kriminali, taħriġ tal-Pulizija b'mod partikolari pulizija ġodda, żamma tal-ordni u paċi pubblika, żamma u ftuħ ta' għases ġodda, ir-relazzjonijiet tal-Korp mal-pubbliku kif ukoll l-andament u

twaqqif ta' Kulleġġ tal-Pulizija. Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jkun mitfugħ tassew fuq il-vera funzjonijiet tal-irwol tiegħu hekk kif msemmi fil-Kodiċi Kriminali, Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u liġijiet oħra u ma jinħeliex fuq kwistjonijiet *day-to-day* li ma jħalluhx jikkonċentra fuq il-ħidma essenzjali tal-Korp.

Ovvjament hemm ħafna x'għad irid isir, aktar milli sar s'issa u jien bħala Ministru ha nagħmel minn kollox, nibqa' ninsisti u ha nuża l-enerġija kollha tiegħi biex nara Korp verament dixxiplinat u verament attrezzat kemm bir-riżorsi umani, bil-mentalità, bil-mod kif jaħdem kif ukoll bl-apparat tekniku li għandu bżonn, biex ikun jista' jiġġieled b'mod effettiv il-kriminalità kif qed tiżvolġi f'dawn iż-żminijiet.

Nistgħu ngħidu li rigward il- Korp *compliment* nieqes diġà ħadna l-miżuri biex inżidu n-numru ta' membri biex jaħdmu fil-Korp. Fost dawn waqqafna *Special Constabulary* li qed jgħinu fost dmirijiet oħra f'xogħlijiet bħat-tqassim taċ-ċitazzjonijiet u xogħol amministrattiv. Ta' min wieħed jfakkar, li fil-bidu tal-leġiżlatura, sibna problema li kienet ilha tkarkar, fejn kien hemm kritika mill-Qrati li r-riferti tal-qorti saħansitra ma bdewx jaslu fil-ħin. U infatti bħala Ministru ġew notifikati lili verbali mill-ġudikatura biex nirrimedja u hekk għamilt. Nemmen però li wasal iż-żmien illi naraw kif dawn ir-riferti jiġu mqassma b'mod ieħor u mhux mill-Pulizija biex b'hekk il-ħin tal-Pulizija jiġi utilizzati f'xogħol polizjesk.

Biex wieħed jista' jħarreġ kuntistabbli tajjeb, wieħed jirrikjedi tal-anqas sena u għalhekk dan mhux każ li l-Gvern jista' jibda jdaħħal pulizija ġodda u jsolvi il-problema. Jien ma nistax inreġġa lura l-arloġġ u nikkoreġi l-iżbalji li saru fil-passat minn amministrazzjoni preċedenti li naqset li tassigura *compliment* ta' numru ta' pulizija li jistħoqqlu ikollu l-Korp. Għalhekk il-miżura tal-i*Special Constabulary*, kif ukoll tar-*Reinstatements* għenet għal dan biex itaffi dan il-problema. B'hekk stajna niggwadanjaw mill-esperjenza ta' dawn in-nies.

Rigward ix-xogħol tal-Pulizija quddiem il-Qrati Kriminali, tajjeb ngħid ukoll li bħalissa qed issir studju dwar pjan biex possibbilment jitwaqqaf *Prosecution Unit* sabiex b'hekk dan jingħata t-taħriġ neċessarju ħalli l-uffiċjali jkunu preparati aħjar għall-kawżi. Bis-saħħa ta' dan l-istudju inkunu possibbilment nistgħu nilliberaw lill-Ispetturi biex xogħolhom ikun aktar dak li jinvestiga milli li jressaq il-provi quddiem il-Qorti.

Ristrutturar ieħor li ħalla l-frott kien il-fużjoni tat-taqsima tal-*Mobile Unit* ma' dik tal-SAG. B'din tal-aħħar kienet ilha li tħalliet kważi mingħajr ebda funzjoni għal diversi snin. L-SAG fi żmien meta il-wisq mibki President Emeritus Guido de Marco kien Ministru għall-Intern, kienet fl-aħjar tagħha u kienet tinżamm attiva biex jintlaħaq l-iskop li għaliha ġiet imwaqqfa. Maż-żmien però kif ingħad din tħalliet tispiċċa fix-xejn. Kien għalhekk li waqqafna skwadra veloċi, dik tar-*Rapid Intervention Unit,* b'*commitment* li l-membri ta' din l-iskwadra jaslu fuq il-post tal-incident incident jew reat fi ftit minuti. Saħansitra sal-bieraħ stess permezz ta' din l-iskwadra inqabdu kriminali on the *spot, red-handed.*

Kif ġieli għedt f'dan il-Parlament għadu qed isir studju, jekk hux aħjar li jkollok għases tal-Pulizija reġjonali flok dawk kull belt u raħal. Dan il-Gvern però ma baqax jistenna l-eżitu ta' dan l-istudju u fejn inħasset il-ħtieġa aġixxa sabiex jinfetħu għases ġodda f'lokalitajiet li kienu sensittivi u fejn kien hemm livelli għolja ta' kriminalità. Dan sar fis-Swieqi wara li r-residenti u l-Kunsill kienu ilhom snin jitkarrbu għall-għassa tal-Pulizija f'dan il-lokal. L-istess fil- Pieta'.

Sabiex il-Pulizija tkun megħjuna fl-investigazzjonijiet tagħha, nemmen li għandu jinbena mill-ġdid laboratorju forensiku li tħalla kompletament mitluq mill-amministrazzjoni Nazzjonalista, bi ftit apparat adegwat. Għandna bżonn jerġa' jkollna l-aqwa mħuħ fix-xjenza forensika biex jgħinu fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Ċertu taqsimiet bħal fl-*Economic Crime Division* għandhom ikollhom *support* u konsulenza ta' *forensic auditors partikolarment* illum il-ġurnata li ċertu reati investigati minn din it-taqsima huma ta' ċertu delikatezza u jeħtieġu l-esperjenza professjonali f'konteġġi u awditjar.

Il-Gvern jemmen ukoll f'taħriġ għall-membri tal-Korp f'korsijiet illi jkomplu jkattru l-esperjenza fix-xogħol ħafna drabi partikolari u speċjalizzati fid-diversi taqsimiet tal-Korp. Għalhekk nemmnu li għandu jinbena Kulleġġ tal-Pulizija bħalma għandhom Korpi f'pajjiżi oħra fejn mhux biss ir-rekluti l-ġodda jingħataw kull tip ta' taħriġ u studju qabel jidħlu fil-Korp imma oħrajn li diġà qegħdin fil-Korp jiġġeddu fit-taħriġ tagħhom biex dejjem ikollna membri fil-Korp preparati. Il-Gvern jixtieq jara membri tal-Korp imħarrġa fiżikament biex ikunu jistgħu jaqdu kif xieraq is-servizzi fil-Komunità.

> Il-bini tal-Akkademja tal-Pulizija kważi lest wara ħafna snin ta' tlajjar. Kien dan il-Gvern li irnexxielu jiftaħ din l-akkademja għall-ewwel rekluti. Dan minkejja li gvern preċedenti kien qagħad jagħmel ċerimonji biex jinawgura l-ewwel ġebla li nafu li wara ftit kellha titneħħa. Kummiedja sħiħa. Kollox artifiċjali u xejn fattwali.

Il-Gvern diġà appunta konsulent, Dr. Saviour Formosa, sabiex jitkomplew studji li kienu bdew minn dan l-istess espert dwar tipi ta' reati kommessi, il-lokalitajiet fejn qegħdin jiġu kommessi dawn ir-reati u fatti oħra biex dawn u kull *data* oħra jgħinu fl-istħarriġ tal-Pulizija sabiex tasal fl-iqsar żmien biex issolvi r-reati. Dan kollu qed isir permezz ta' sistema kompjuterizzata.

Fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-Gvern jemmen li l-Pulizija għandha ssaħħaħ l-affjatament ma' awtoritajiet kompetenti oħra bħad-Dwana, Servizzi tas-Sigurtà u l-Armata biex is-sigurtà ta' pajjiżna fuq il-baħar, fl-ajru u fl-art tkun dejjem aktar salvagwardjata.

Il-Gvern jemmen li l-Korp hu wieħed ta' dixxiplina, liema dixxiplina għandha tkun parti integrali u importanti f'kull struttura tal-Korp biex b'hekk tirrenja s-serjetà, l-integrità u l-ħarsien tal-liġi f'kull servizz li jingħata mill-membri tagħha.

Il-Gvern jemmen fi dritt fundamentali ta' kull membru fil-Korp li jissieħeb f'*union* tal-għażla tiegħu. Dan seħħ biss taħt din l-amministrazzjoni wara li kif imwiegħed daħħalna dan id-dritt għall-membri tal-Korp.

Il-Gvern hu kommess li jintlaħqu dawn il-miri sabiex il-Korp li tilef ħafna mill-inċentivazzjoni tiegħu jerġa' jinbena billi jissaħħaħ f'kull struttura tiegħu. Dan jista' jsir biss bi tmexxija li tkun waħda li tista' tilħaq dawn l-għanijiet. Meta dan mhux possibbli il-Gvern jipprova jġib il-kunsens u qbil ma' min ikollu l-kapaċitajiet f'oqsma oħra, sabiex il-ftehim iwassal f'bidla fi tmexxija.

Naf u qed nistenna s-soltu storja ta' Oppożizzjoni distruttiva li se tipprova twaħħal f'kollox u f'kulħadd u li l-problemi tal-Korp inħolqu kollha din is-sena. Persważ li l-poplu se jifhem, kif issa għamel għal darba darbtejn, li dan huwa Gvern li jaġixxi u jwettaq u li jinsabu quddiem Oppożizzjoni li f'dan il-qasam falliet u li qed turi li m'għandix x'toffri.

Minkejja dan, nittama tassew li l-Aġent Kummissarju ma jsibx l-ostakli u l-imminar li sibna fil-ħidma tagħna matul l-aħħar sena fejn ippruvaw jitfgħu kull forma ta' tajn lejn il-Kummissarju uxxenti.

Għalhekk, qed nestendi jien l-id ta' ħbiberija u nappella li l-Oppożizzjoni tikkoopera biex ikollna Korp tal-Pulizija li jimxi bl-ikbar serenità mingħajr imminar kontinwu partiġjan minn min ma jridx jara l-Korp tal-Pulizija jitmexxa aħjar milli tmexxa fl-aħħar 25 sena taħt amministrazzjonijiet diversi.

Nittama tassew li l-Oppożizzjoni turi, ta' darba kultant, sens ta' tmexxija u kooperazzjoni.

Jekk dan ma jseħħx , jien inwiegħed lil poplu Malti li minkejja l-kritika kollha mhux ser nibża' nieħu deċiżjonijiet biex nagħmel dak li hu ta' ġid għal dan il-Korp.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil kull membri tal-Korp tal-ħidma tiegħu.